MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2008

Numru. 145/2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Norbert Ciappara)**

**Versus**

**Gordon Borda**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Gordon Borda ta' 28 sena imwieled fl-20 ta' Marzu, 1975 iebn Joseph u Maria Carmela nee Demicoli, imwieled il-Pieta' u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 150475 (M) u residenti 13, Flat 1 Saint John Street Valletta.

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Mejju 2003 u dawn l-aħħar tmintax-il xahar ta' qabel din id-data

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina u kokaina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina u kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; *liema droga eroina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu personali tiegħu.*

Il-Qorti ntalbet ukoll li f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-Qorti tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti u dan skond l-artikolu 533 tal-Kap 9.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali tal-1 ta' Ġunju 2003, l-istqarrija tal-imputat (fol.13), l-istqarrija ta' Jacqueline Skalin a fol.15, il-proċes verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Antonio Mizzi (fol.69), il-konferma tal-ħatra tal-esperti li kienu nħatru matul l-inkjesta, ir-rapport tal-Ispiżjar Mario Mifsud, ir-relazzjoni ta' PS 36 Sergio Azzopardi, id-dokument JMX (fol 230), ir-relazzjoni ta' PS 659 Jeffrey Hughes, iż-zieda mitluba mitluba mill-Prosekuzzjoni billi fl-ewwel imputazzjoni jidħlu l-kliem 'dawn l-aħħar tmintax-il xahar' flok 'dawn l-aħħar erba' ġimgħat' kif ukoll li l-kelma 'kokaina' kellha tiżdied mal-kelma 'eroina', liema korrezzjoni l-Qorti awtorizzat u d-difiża tat ruħha notifikata b'din il-bidla (fol.107), il-current incident report a fol.135, it-talba li għamlet id-difiża sabiex jinħatar espert sabiex jeleva l-finger prints minn fuq il-Kinder u d-digriet bih il-Qorti ħatret lill-PS 659 Jeffrey Hughes biex jagħmel dan (Fol.204) u s-sostituzzjoni tiegħu biss-ur Joe Mallia (fol.211), it-teħid tal-impronti diġitali seduta stante (212), u d-dikjarazzjoni magħmula a fol.223 li l-imputat għandu jibbeneifka mill-artikolu 29 tal-Kap 101.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

5. Skond il-Prosekuzzjoni (fol.18 et), l-imputat fil-pussess tad-droga. Saret tfittxija ġewwa l-fond Block 6 Flat 1 Steps Street fejn hemm ir-residenza ta' Josette Bickle. Meta l-Pulizija marru biex jagħmlu t-tfittxija, sabu lil ċerta Jacqueline Saklin ġewwa. Hija kienet qed toqgħod hemm bil-permess ta' Josette Bickle li kienet qegħda tiskonta sentenza fil-ħabs. Jacqueline Saklin kienet ilha toqgħod hemm tlitt ijiem. Jacqueline Skalin qalet li l-affarijiet li kellhom x'jaqsmu mad-droga li nstabu fil-post kienu tagħha. Il-Pulizija ttawlu fix-xaft u fis-sular t'isfel raw żewġ boċċi tal-Kinder sofor. Kien hemm suspetti li dawn kien fihom xi drogi. Is-scene of the crown officers elevaw l-affarijiet.

6. L-ispettur Ciappara kellem lil Jacqueline Sakalin li infurmatu li hi kienet drug addict u li kienet iġġieldet mar-raġel. Hija qalet li l-kapsoli li kienu sabu fix-xaft kienu ta' Gordon Borda . Hija qalet li kienet rat lill-imputat iqassam id-droga f'pakketti u poġġiehom ġol-bajd tal-kinder. Hu kien qalilha li jekk jiġu l-Pulizija kellha taqbad il-kapsoli u tarmihom. Hi kienet ramithom fix-xaft. Hi indikat kemm il-kapsoli kif ukoll ix-xaft. Hi qalet ukoll li kienet ħadet ukoll dożiet tal-eroina minn għand l-imputat.

7. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li hu kien joqgħod ma' Josette Bickle iżda dan l-aħħar ma baqax magħha għax din kienet daħlet il-Ħabs. Huwa nnega li qatt ittraffika d-droga u qal li l-miżien elettroniku li nstab fil-kamra ta' Josette Bickle ma keinx tiegħu. Huwa ammetta li kien juża l-kokaina skond kemm ikollu flus. Huwa ma weġibx tmien mistoqsijiet. (Fol.14).

8. Xehdet Jacqueline Skalin. Din qalet li kienet qed toqgħod fid-dar ta' Josette Bickle. (Fol.25) għalkemm ma kenitx ilha toqgħod hemm hekk. Malli Josette Bickle daħlet il-Ħabs hi kienet weħidha u kien ikun hemm wieħed jismu Gordon (li għarfet bħala l-imputat) li ma kienx joqgħod kull jum hemm. L-aħħar li kienet rat lill-imputat kien fit-30 ta' Mejju 2003 għal xi t-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar. Hi ma kienet ħarġet xejn wara nofs in-nhar. Gordon Borda kien mar għand l-Avukat. Imbagħad kienu marru jfittxu l-Pulizija. Il-Pulizija sabu d-drogi fil-bitħa. Id-drogi li ġabru l-Pulizija kienet tefgħethom hija stess fuq talba magħmula mill-imputat. Hija kienet tixtri d-droga minn ħdejn Bieb il-Belt. Hija kienet tixtri wkoll minn għand l-imputat. (Fol.29). Hija qalet li minn għand Josette Bickle ma kenitx xtrat. Tad-droga kienet tħallas Lm10. Fil-kontro-eżami d-difiża staqsiet jekk fil-flat kienx hemm xi ħadd ieħor li kien jagħtiha d-droga u x-xhud ma weġbitx. (Fol.30).

9. PC 246 Vincent Decesare xehed li minn fuq Gordon Borda keinu elevaw sett ċwievet ta' fejn kien joqgħod hu, jiġifieri tal-post fi Steps Street, Valletta. Fit-tfittxija kienet preżenti Jacqueline Sakalin u mill-kċina kienet elevate

biċċa foil mrambla waqt li mill-washroom inġabru xi siringi ġodda. Mill-bitħa tan-nies li tagħti għal taħt il-flat kienu nġabru żewġ kontenituri tal-kinder sorpresa. Fihom kien hemm xi pakketti bit-trab kannella. Jacqueline Skalin qaltilhom li hi kienet waddbithom hemm għax hekk kien qalilha tagħmel Gordon.

10. WPS 45 Marisa Bartolo xehdet li kienet involuta fit-tfittxija fi Steps Street. Minn tieqa li quddiemha t-tfajla kienet waqfet għal xi ħin hija lemħet il-bajd tal-Kindersorpresa. Meta nfetħet waħda mill-bajd setgħu jinnotaw li ġo fiha kien hemm sustanza suspettuża.

11. Xehed l-Ispiżjar Mario Mifsud li stabilixxa li ma nstabux sustanzi illegali fuq il-biċċa foil, is-siringi u l-miżien elektroniku waqt li nstabet l-eroina f'ammont nett totali ta' 6.779 grammi (tliet boroż tal-plastik y l-qartas u d-disa' qratas u fil-borża tal-plastik. Il-miżien elettroniku kein tal-marka 'Tanita – Model 1479' u kien jaħdem. (Fol.72).

12. PS 36 Sergio Azzopardi xehed li kien eleva l-esibiti li hu għadda lill-Ispiżjar Mario Mifsud. (Fol.96 u 97). Huwa kkonferma r-relazzjoni tiegħu a fol.98 et.

13. Xehed ukoll Kevin Brincat li qal li hu kien juża l-coke u l-eroina u oħtu Josette Bickle kienet qalet li dawk kienu tagħha. Dak iż-żmien (jiġifieri xi sena u nofs qabel – ara fol.109) kien joqgħod ma' oħtu. L-imputat daqqa kien joqgħod ma' oħtu u daqqa le. U hawn ix-xhud qal:

***'Meta kien għadu jiġi jaqdiha, jagħti l-eroina lili u l-eroina lil oħti u l-kokaina. Kien joqgħod għand ommu dak iż-żmien.' (fol.111)***

Hawn għaraf lill-imputat.

Reġa' tenna:

'Kien iġibilha l-kokaina u l-eroina'.

U reġa' qal għat-tielet darba:

‘Għax ġab lili wkoll hux.’

Ix-xhud ġieli xtara minn għandu, ġieli ddejjen minn għandu u ġieli tah b’xejn. Ġieli tah bil-flus u x-xhud iddejjen minn għand xi ħadd. (Ara fol 112).

Hawn il-Qorti staqsiet:

‘Imma żgur kont tixtri minn għandu?’

Ix-xhud wieġeb:

‘Iva eħe. Minn għand Gordon. Dak qiegħed hemm.’

Huwa kien jixtri daqs tliet pakketti kull jum, wieħed filgħodu, wieħed f’nofsinnhar u wieħed filgħaxija.

Huwa dejjem kien jixtri minn għand l-imputat. (Ara fol 112).

Huwa dam jixtri sena minn għand l-imputat.

Kokaina kien jixtri żewġ grammi – darba iva, u darba le. Huwa kien iħallas Lm40 kull waħda. L-eroina kienet tkun ġo pakketti jew xi magazine u ġieli kellu kapsoli bit-tape. Il-kokain kieet tkun ġo borża (Ara fol.113). L-imputat daqqa kien jaqdih fid-dar fejn ix-xhud kien joqgħod m’oħru u daqqa l-imputat kien imur kien imur id-dar fejn kien joqgħod u jġibha t-taraġ minn isfel nett qabel titla’ t-taraġ. (Fol.114). Sena qabel ma xehed iċ-ċwievet tal-post ta’ Josette Bickle kienu għand Josette Bickle u għand l-imputat. (Fol.115).

14. Fil-kontro-eżami huwa wieġeb li kien iġib il-flus sabiex jixtri d-droga billi jiddejjen. Lil Gordon kien jgħidlu li huwa sick u l-imputat kien imur jagħtih xi pakkett. (Fol.118).

15. PS 36 Sergio Azzopardi ppreżenta r-ritratti li kien ħa PS 173 u li kien miet. (fol.120). Dawn kienu ttieħdu ġox-xaft.

16. Reġa’ xehed PS 246 Vincent Decesare li ra r-ritratti u kkonferma li dak kien il-post fejn ittieħdu l-containers. Huwa kkonferma li dawk kienu l-affarijiet li raw u elevaw waqt it-tfittxija. Preżenti magħahom kien hemm Jacqueline Skalin. (Fol.128). Din kienet waħdiha u ma kien hemm tfajla oħra. (Fol.130).

17. PS 928 Ramon Mifsud Grech ikkonferma li kien ħalla fixed point mal-bieb kif ukoll kienu arrestaw lil ċerta Jacueline u lill-imputat. (Fol.133). Huwa kkonferam li mix-xaft kienu sabu żewġ bajdiet tal-kinder. Waħda minnhom infetħetfqu il-post u s-scene of the crime officers keinu ħadulha ritratt.

18. Xehdet ukoll Josette Bickle li qalet li meta daħlet il-Ħabs hija kienet ħalliet fil-post lil Jacqueline. (Fol.142). L-imputat kellu ċ-ċwievet ukoll. Qabel daħlet il-ħabs, l-imputat daqqa kien jgħix magħha u daqqa le. Kien ilu joqgħod hemm madwar sena. Meta kienet mistoqsija jekk qatts rat droga fil-flat meta kien hemm l-imputat, ix-xhud qalet :

‘Ma nafx. Qatt.’ (Fol.144)

19. Il-Qorti fakkritha li kienet bil-ġurament. Imbagħad żiedet tgħid li keinet ilha tieħu d-droga qabel ma ltaqgħet ma’ Gordon. Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li ħuha u l-imputat ma kinux jaqblu. Qalet ukoll li dak li kien xehed ħuha jista’ jkun ‘xi ħaġa ta’ tpattija’. (Fol.146). Imbagħad meta l-mistoqsija saret mill-Qorti qalet:

‘Mhux qed ngħidlek ipattiha lil Gordon. Ma kinux jaqblu.’ (Fol.146).

Ħuha ried minn din ix-xhud biex ikollu flus għad-droga u Gordon kien jgħidlha’Aqtagħlu għad-dritt.’

20. Xehed għat-tielet darba Vincent Decesare li ra l-esibiti u kkonferma li dawn kienu l-affarijiet li ġabru tal-forensika . Huwa għaraf ukoll il-kmamar fejn kienet saret it-tfittxija. (Ara 154 għal aktar dettalji). Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-imputat kien qalilha li jekk iħabbat il-bieb u jkunu l-

Pulizija ‘armi kollox mit-tieqa.’ Hi qalet li hekk kienet għamlet. Hi kienet preżenti waqt it-tfittxija.

**Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fil-11 t’Ottubru 2005. (Fol.152).**

**Xhieda Difiża**

21. L-imputat innega li hu qatt biegħ xi droga. (Fol.166). Hu qal ukoll li Jacqueline Skalin kienet tittantah iżda hu qatt ma ta wiċċ. Huwa nnega li din kienet xtrat xi droga minn għandu u meta xtara ċ-ċikkulata Kinder hu kien xtara fingers. It-tfal ta’ Jacquelin ġieli kien ikolhom il-bajd tal-Kinder f’idejhom. Huwa sostna wkoll li ma kienx preżenti waqt it-tfittxija u ċaħad li hu qatt kellu xi droga. (Fol.169). Fuqu personalment ma nstab xejn. Huwa nnega wkoll li kien ta xi parir lil Jacqueline biex tarmi d-droga. L-imputat qal li meta Josette Bickle daħlet il-ħabs huwa ma kienx resaq lejn il-post. Dwar il-miżien ma kien jaf xejn u qatt m’għamel droga fil-foil jew plastic. Lilu Jacqueline qatt ma kienet hedditu.

22. Dwar dak li qal Kevin Brincat, l-imputat qal lid an kien jgħdi li meta oħrtu tidħol il-ħabs ‘ipattihielu bi statement.’ (Fol.175). Huwa nnega li qatt ta xi droga lil Josette u anzi kien jgħidilha biex tieqaf mid-droga. Huwa qatt ma biegħ xejn lil Kevin Brincat. L-imputat qal ukoll li minkejja li kellu ċ-ċwievet tal-post huwa dejjem raqad ma’ ommu jew ma zitu (Fol 177 u fol.178) Josette bickle kienet qaltlu biex jgħaddi ċ-ċwievet lil Jacqueline Skalin. Huwa nnega wkoll li qatt ra lil Kevin Brincat sick. Huwa ammetta li kien hemm perjodu fejn kien jieħu iżda kien jixtri d-droga bil-paga tiegħu.

23. Xehdet Josette Bickle li qalet li l-imputat il-miżien lanqas biss missu. Il-miżien kieent tużah hi. L-imputat kein jagħtiha pariri biex tieqaf mid-droga. Lanqas qatt ma kienet rat lill-imputat jieħu xi droga. Lill-imputat qatt ma ratu b’xi bajd tal-kinder. Hija kkonfermat li l-imputat ma kellux ħwejjeġ fil-flat tax-xhud u li dan kien joqgħod għand ommu u zitu. Hi qalet li hi, Jacqueline u ħuha kienu jabbużaw mid-droga. (Fol.188). L-imputat qatt ma kien

ikun preżenti meta kienu jieħdu d-droga. **Hija nnegat li Jacqueline Skalin kellha xi kunfidenzi mal-imputat.**

24. Hija qalet ukoll li kienet semgħet lil ħuha jgħid lil Gordon li kif tidħol oħtu l-ħabs, hu (Kevin Brincat) kien ser jitfgħu l-ħabs. (Fol.190). Qalet ukoll li kienet rathom jiġġieldu. Ħuha kien imur jaraha l-Ħabs normali u hi kien ikollha xi tgħid biss meta kienet tgħidlu li ħa jieqaf mid-drogi. Fil-flat hija qatt ma kienet rat lill-imputat b'xi magazines. Jacqueline Skalin kienet ilha tieħu d-droga. Lil ħuha hija kienet qaltlu li kienet ser tgħid il-verita' fil-Qorti.

25. Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li ħuha ma kienx ikun 24 siegħa magħha. Biss wara l-isptar kienu jibqgħu neżlin id-dar. Qalet ukoll li ma kinux ikun flimkien barra. Kienet imfakkra wkoll li Kevin Brincat kien mar għand il-Pulizija biex jgħarrafhom li l-affarijiet li kienu sabu ma kinux ta' oħtu Josette Bickle iżda kienu tiegħu (ta' Kevin Brincat). (Fol.202).

26. Xehdet ukoll Marija Carmela Borda, omm l-imputat, li qalet li fit-30 ta' Mejju 2003 binha kien joqgħod għandha. L-imputat għadda trawma bil-marda u l-mewt ta' missieru. Rabba l-għaqal u dejjem jaħdem. It-tifel dejjem ġera bih u għenha.

27. Xehdet ukoll Aida Demicoli li qalet li l-imputat għamel żmien joqgħod fid-dar tagħha. Dejjem kien jorqod magħha u kien għadu jagħmle hekk. F'Mejju 2003 kien jorqod magħha.

28. Fil-kontro-eżami qalet li ma kenitx taf jekk l-imputat kienx ibati b'nuqqas ta' nifs. Imbagħad saritilha dommanda jekk ġilix ħareġ fis-2.00am u jgħidilha li sejjer l-isptar minħabba nujqqas ta' nifs.  Hija wieġbet li dejjem jorqod maħgha. (fol.220). Imbagħad qalet li jekk joħroġ tkun taf għax is-sodod qrib xulxin. Fiċ-ċertifiakti pprezantati kien jdiher li l-imputat ħareġ u mar l-isptar minħabba nuqqas ta' nifs u x-xhud wieġbet li qatt ma ħareġ gal darba, darbtejn. (fol.221).  Imbagħad, wara lis ar mistoqsija mid-difiża, qalet li tiftakar li darba kien mar l-isptar bi qtugħ ta' nifs.

29. Xehed ukoll Joseph Mallia (espert maħtur mill-Qorti) li qal li l-impronti diġitali misjubin kienu traċċi żgħar ħafna u ma kinux tajbin biex isir it-tqabbil.

30. Xehed ukoll Jeffrey Hughes li wasla għall-istess konklużjoni li għamel l-esperf Joseph Mallia. (Ara l-paragrafu ta' qabel).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

31. Għal fini ta' prova, ix-xhieda ta' persuna waħda hija biżżejjed jekk titwemmen. F'dan il-każ għandna żewġ persuni li xehdu li xtraw id-droga minn għand l-imputat mhux darba, iżda diversi drabi.

32. Id-difiża tellgħet jixhdu kemm lill-imputat kif ukoll lil Josette Bickle. L-imputat innega li qatt biegħ waqt li Josette Bickle xehdet li l-impujtat kien saħansitra widdibha biex tieqaf tieħu d-droga. Barra dan kien hemm insistenza li (a) Jacqueline Skalin kienet tittanta lill-imputat li qatt ma kien jagħtiha wiċċ; u (b) Kevin Brincat ried jivvendika ruħu mill-imputat u kien qal li ser jagħmillu statement.

33. Il-Qorti rat lix-xhieda kollha jixhdu quddiemha u assolutament mhix temmen il-verżjonijiet li taw l-imputat u Josette Bickle u qed toqgħod fuq dak li xehdu kemm Jacqueline Skalin kif ukoll Kevin Brincat.

34. Bir-rispett kollu huwa naqra stramb li jkollok żżewġ xhieda ewlenin tal-Prosekuzzjoni li t-tnejn kellhom x'ipattu lill-imputat. Din hija kumbinazzjoni stramba ferm u m'hija xejn in linea mat-teoriji matematiċi tal-probabilita' li huma eżatti daqas dawk it-teroemi li jgħidu li l-anglu fin-nofs taċ-ċirku huwa d-doppju ta' dak li jkun fiċ-ċirkumferenza taċ-ċirku jew li l-angoli alternanti bejn żewġ linji parallelli huam ndaqs. Ma temminx f'din l-isfortuna kbira li ġarrab l-imputat.

35. Barra dan, il-komportament tax-xhieda ewlenin ma jqajjimx is-suspetti li d-difensur ried li jqanqal. Jacquelin

Skalin xehdet fl-4 ta’ Ġunju 2003 jew erbat ijiem biss wara l-arrest tal-imputat (fol 24 et). Hemm dettalji tal-ħin meta l-imputat deher id-dar u qalet dwar id-direzzjoni li kien taha l-imputat biex tarmi jew tifflaxxja d-droga. Hija qalet li kienet tixtri d-droga minn ħdejn Bieb il-Belt kif ukoll minn għand l-imputat.

36. Il-fatt li kienet tixtri minn ħdejn Bieb il-Belt ma jeskludix li kienet tixtri wkoll minn għand l-imputat.

37. Lanqas ma hemm xi sinifikat li l-imputat ma kienx jixtri l-Kinder bħala ċikkulata għax biex tuża dan il-container m’hemmx għalfejn tkun tiekol din iċ-ċikkulata. L-importanti hu li dan huwa container handy għall-iskopijiet tal-ispaċċjar.

38. Il-Qorti wkoll li qed tafda l-verżjoni ta’ omm l-imputat u lanqas ta’ nanntu. Dawn tistenna li jiddefendu lil binhom/in-neputi tagħhom iżda lanqas f’din id-difiża ma spikka xi ħaġa li b’xi mod tqanqal xi dubju f’moħħ din il-Qorti li kien l-imputat li biegħ jew ta d-droga lil tnejn min-nies u għal aktar minn darba. Ukoll jekk l-imputat ma kellux ħwejjeġ fid-dar ta’Josette Bickle u kien jorqod għand ommu jew għand in-nanna, ma jfissirx li dan f’xi ħin tal-ġurnata jew bil-lejl ma kienx f’pożizzjoni li jmur ibiegħ id-droga. U biex tispaċċja d-droga m’hemmx bżonn tħalli l-ħwejjeġ għand dak li jkun jew li torqod għandu. Biżżejjed li ssib moment matul il-ġurnata biex dak li jitolbok ittihulu.

39. Min jispaċċja d-droga mhux bilfors joqgħod idur biha 24 siegħa kull jum u għalhekk il-fatt li wieħed ikun joqgħod f’dar ommu jew għand nanntu ma jammonta għal ebda prova li l-ispaċċjar ma jkunx seħħ.

40. U aktar, ix-xhieda tan-nanna tal-imputat, assolutament mhix kredibbli għax f’nifs inqabdet f’inkonsistenza u ppruvat tirranġa l-verżjoni tagħha.

41. Hemm inkonsistenza oħra f’dak li xehdet Josette Bickle u dak li qal l-imputat. Dan tal-aħħar qal li Jacqueline Skalin kienet tittantah waqt li Josette Bickle

qalet li din Jacqueline Skalin qatt ma kellha xi kunfidenzi mal-imputat. Jekk Josette Bickle kellha interess fl-imputat (aktar milli l-imputat kellu fiha), bħala mara u bħala rival kienet tinduna b’dak li qed isir.

42. Il-Qorti qieset ukoll id-dettalji li ta’ Kevin Brincat. (Ara fol.108 et) Jekk wieħed irid jivvinta fuq dak li jkun ma jasalx biex jagħti dettalji grafiċi bħal dawk li jidhru a fol 118. fin-nofs. Jidher ukoll li l-interess ewlieni li kellu dan ix-xhud kien li jeħles lil oħtu għaliex l-affarijiet li kienu sabu l-Pulizija **preċedentement** kienu **tiegħu** u ma riedx li oħtu teħel bihom. Lanqas jekk wieħed jaċċetta li l-imputat u dan ix-xhud kien ikollhom xi jgħidu, il-Qorti ma tistax tiskarta xhieda li ngħataw mhux biss il-figuri ta’ flus, ta’ ammonti, ta’ forma ta’ ippakkjar – saħansitra kif kienet tkun il-borża tal-kokaina - u ta’ żmien (ara 112) u l-post. (Ara fol.114). Barra minn hekk

43. Il-Qorti ma ssibx il-verżjoni ta’ Josette Bickle affidabbli li qabel ma xehdet meta ttellgħet mill-Prosekuzzjoni (ara fol.181) saħansitra qalet:

‘Jekk jien dan il-bniedem kont miegħu, kfi nista’ nixhed kontrih?’
Ir-risposti taħgha dwar il-preżenza ta’ droga fl-appartament tagħha kienu jew ‘Ma nafx’ jew evażivi:

‘Kont nieħu d-droga qabel ma ltqajt ma’ Gordon.’

44. Biss meta kienet mistoqsija mill-Prosekuzjoni jekk l-imputat qattx ħalla l-affarijiet tiegħu ‘hemm hekk’ qalet ‘Iva, ehe’.

Fil-kontro-eżami, qalet:

‘Mhux qed ngħidlek ried ipattiha lil Gordon. Ma kinux jaqblu.’

Meta ttellgħet mid-difiża x-xhud tkellmet mod ieħor:

***‘Infatti hu (Kevin Brincat) kien jgħidlu lil Gordon, kif tidħol oħti l-ħabs nitfgħek il-ħabs’. (190)***

45. U hawn fix-xhieda tagħha żiedet id-doża tat-tpattija. Hawn il-Qorti tirraviża xhud li jkun ħaseb x'għandu jgħid qabel jiġi u għalkemm ma jkun qed jgħid xejn verita' minn fuq il-pedana tax-xhieda.

46. Lanqas hemm loġika li Kevin Brincat kien irid ipattieha lill-imputat għaliex l-imputat kien jgħid lil Josette Bickle biex tieqaf. Skond Josette Bickle, b'hekk Kevin Brincat ma kienx ikollu sors ta' droga għax tieqaf hi. Ma tantx huwa argument konvinċenti dan għaliex xorta Kevin Brincat kien isib sors ieħor u jekk Josette Bickle kienet tiffinanzja l-habit ta' ħuha meta d-droga kienet tiġi minn għand l-imputat il-Qorti ma tarax il-għala kienet ser tieqaf jekk tara li ħuha għandu bżonn flus biex jixtri minn għand ħadd ieħor.

47. L-imputat ma kien xejn attendibbli meta xehed mill-bidu sal-aħħar. Huwa ipprova jistaħba wara l-fatt li eta saret it-tfittxija ma kienx fil-falt u allura ma kienx jaf x'sabu l-Pulizija. Dan wara mija u erbgħa u sittin faċċata ta'xhieda tal-Prosekuzzjoni li fihom intwerew ir-ritratti u kienu kkonfermati anke l-esibiti. Għalhekk lill-imputat ma tistax temmnu.

48. Kien anqas konvinċenti meta qal li ma kienx ta parir lil Jacqueline Skalin biex tarmi jew tifflaxxja d-droga. Hemm kuntrast qawwi bejn ir-risposti xotti, xotti tal-imputat u kif xehdet Jacqueline Skalin li saħansitra indikat il-ħin x'ħin kien qalilha dak il-kliem. Din kienet sinċiera biżżejjed biex tgħid li kienet tixtri minn bnadi oħra wkoll u mhux waqqgħet il-kolpa fuq l-imputat.

49. Hemm baħar ta' differenza bejn in-naturalezza fil-mod kif irrispondiet

'Mhux minn għand Gordon?'

Għal mod kif xehed l-imputat li kien 'in constant denial' iżda bl-anqas mod konvinċenti. Li kieku l-verżjoni tal-imputat kellha mill-verita', dan kienet titla' fil-wiċċ bla tbatija ta' xejn. Bil-maqlub it-tonalita', is-sentenzi u l-aġir

tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda taw indikazzjoni waħda: dak li kien qed jgħid ma kienx il-verita'

50. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi kif ġej:

(a) Il-verżjonijiet ta' Jacquelin Skalin u Kevin Brincat huma veritjieri u tista' toqgħod fuqhom;

(b) Il-verżjonijiet tax-xhieda tad-difiża mhumiex attendibbli jew ma jneħħu xejn minn dak li kien stabbilit permezz ta' dawn iż-żewġ xhieda.

(ċ) Li saret il-prova forensika mill-espert maħtur fl-inkjesta li materjalment kien hemm l-eroina fl-ammont ta' 6.779 grammi ta' eroina li kienu elevati mill-Pulizija mill-post ta' Josette Bickle. Kien hemm disa' qratas li jidher li l-użin tagħhom huwa prattikament identiku.

(d) Li fuq ix-xhieda ta' Jacqueline Skalin dawn kienu tal-imputat u l-Qorti hija konvintissima li l-imputat kellu pussess tagħhom u li kien li introduċihom fl-appartament ta' Josette Bickle.

(e) Li jirriżulta għalhekk li l-imputat kien spċaaja kemm eroina kif ukoll kokaina.

(f) Li mill-esibiti jirriżulta li l-ammont ta' eroina kien għoli għax 6.779 grammi huwa
ammont li bih tista' tagħmel diversi qratas. Li barra minn hekk, it-tqassim tagħhom jindika b'mod ċar l-intenzjoni ta' spaċċaar u għalhekk li kellu pussess aggravat ta' **eroina**. Waqt li hemm prova tal-ispaċċjar tal-kokaina, mill-analiżi tal-espert ma jidhirx li nstabet kokaina.

## Konklużjoni

51. Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u l-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero':

(a) Li m'hemmx prova tal-pussess aggravat tal-kokaina iżdabiss tla-pussess sempliċi (ara l-istqarrija tal-imputat) u għalhekk qed tilliberah minn dik il-parti fit-tieni imputazzjoni fejn issemma l-pussess aggravat tal-kokaina (safejn dan jolqot it-tieni imputazzjoni biss għax jirriżulta li l-imputat kien spaċċja l-kokaina taħt l-ewwel imptazzjoni) u minnflok qed issibu ħati ta' pussess sempliċi ta' kokaina;

(b) b'applikazzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9, il-parti tat-tieni imputazzjoni li tagħha l-Qorti qed issibu ħati qed titqies bħala assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 u dan qed tagħmlu f'żewġ gradi. Fl-atti ma jidhirx li peit ippreżentata l-fedina penali u għalhekk din qed titqies bħala waħda nadifa.

_Min-naħa l-oħra, il-Qorti qed tqis li l-imputat kien ilu għall-anqas **sena jbiegħ** id-droga kif jirriżulta mill-atti kif ukoll li hu biegħ lil **aktar minn persuna waħda**. L-ammont li nstab mhux wieħed żgħir._

52. Għalhekk il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha qed tikkundanna lill-imputat għal sena priġunerija li minnha għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għadda taħt
arrest preventiv u għall-ħlas ta' multa ta' €1100 liema multa tista' titħallas b'rati ta' €80 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament i minn din il-multa ma titħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Barra dan jekk xi parti mill-multa tibqa' mhix imħallsa, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

53. Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 minħabba li l-esperti kienu maħturin f'inkjesta li saret qabel is-16 ta' Jannar 2006. Iżda, minħabba li l-espert tal-fingerprints intalab mid-difiża waqt il-mori tal-kawża, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas is-somma ta' €590.96 fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

Fl-aħħarnett il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------